# "Il-Parroċċa taż-Żejtun 400 Sena Martriċi"

## Is-Sur Charles Coleiro



***Tnedija tal-Kantata fil-Każin tal-Għaqda Banda Żejtun Il-Ħadd, 18 ta'Diċembru 2016***

Apprezzament minn Charles Coleiro Dip. Cult.H (Krakow) MQR

Mill-pinna tal-kompożitur, is-Surmast Maġġur Carmelo Mangion u tal-awtur Trevor Zahra smajna u qrajna dak li wieħed jistenna minn koppja magħrufa għal suċċessi oħra f'dan il-qasam u aktar.

Il-Kantata hi mqassma fi stadji varji li juru u jsemmgħu episodji mill-istess Storja taż-Żejtun u l-bini tal-Knisja Matriċi fuq sfond ta' kliem il-poplu b'rieda qawwija li jibni knisja ġdida. Tiftaħ bi preludju ta' melodija tal-widna fuq il-vers tal-ħames sillabi mżewweġ, "Ġebla fuq ġebla – ħaġra fuq ħaġra" dwar l-iżvilupp tar-raħal u jkompli jidwi matul il-Kantata, bejn Storja u Twemmin u Determinazzjoni.

Trevor Zahra għażel waqtiet biex ipitter bil-kelma tan-narrazzjoni l-vers tal-ħdax li fil-Metrika Maltija hu l-aktar vers għani u dan ingħaqad mal-mużika mexxejja, narrattiva biex għal bosta drabi l-versi u l-mużika jingħaqdu mal-Kor u jressquna lejn episodji mill-Istorja, il-ġjografija u fl-istess waqt jgħaqqad iż-Żmien tal-Haġar bl-importanza li minn dejjem kellhom dawk l-inħawi madwar iż-Żejtun.

Niltaqgħu maż-żewġ protagonisti fil-binja tal-ġrajjiet - il-Kappillan "Isimgħu ċar minn fommi din il-ġrajja.." u, l-istess Knisja bil-vuċi tas-sopran "Jien l-għażiża ommkom, dik li tatkom, in-nifs għażiż tal-ħajja..." F'dawn il-versi, xi drabi, il-mottiv jinbidel mal-ilħna tas-solisti biex jagħmel kuntrast b'mużika li twassal messaġġ.

Il-Kantata tagħti wkoll importanza lill-poplu, kif innutajna fl-ewwel battuti u toħroġ ukoll Raġel li jitkellem f'isimhom: "Konna naħdmu bla hedu/bl-akbar ħeġġa u ħrara/konna bdiewa tas-sengħa/konna l-aqwa baħħara".

Meta ġejt biex nagħti dan l-apprezzament innutajt li l-Kantata fiha ġabra sħiħa ta' episodji mill-istess Storja ta' Malta fi kwadri li jqiegħdu liż-Żejtun ma' kull mixja taż-żmien, bis-sabiħ u b'dak li jidher inqas sabiħ. Nisimgħu versi dwar it-theddid tat-taqbida bejn in-Nofs Qamar u s-Salib. U joħorġu mqanqla l-verstejn "Katarina ħenn għalina/u mill-għadu ipproteġina", b'ripetizzjon fejn jissemma' l-għawġ u l-ħtieġa għall-għajnuna. Tniżżlet b'enfasi aktar qabel, il-miġja ta' San Pawl fostna "sajjetti, beraq, ragħad" bl-istess effetti ta' mużika. U b'kuntrast mal-maltemp b'sens ukoll metaforiku, nassistu għall-miġja ta' San Pawl: "Wasal l-Appostlu tal-Ġnus biex il-bnazzi jġibilna/Ġie f'nofs id-dalma tal-lejl biex id-dawl iwasslilna".

Wara l-maltemp ta' żminijiet imqallba tissemma' l-Purċissjoni ta' San Girgor u l-poeta jgħaqqad episodju ta' ferħ fil-mużika tal-kompożitur mal-versi tal-Knisja li tistqarr "Ġewwa ħdani jien kont nilqa'/l-akbar ġemgħa....l-akbar folla/għax għall-purċissjoni l-kbira/kienet tiġi Malta kollha"

Titkompla l-Istorja u niltaqgħu ma' żmien meta r-raħal taż-Żejtun kiber u firex u ħaseb biex jibni knisja akbar. Wara l-aħħar ħbit fl-1614 meta ntlemħu mas-sittin xambekk bit-tir li jaħbtu għall-inħawi taż-Żejtun, il-versi jirrakuntaw kif iż-Żabbarin ingħaqdu maż-Żwieten biex għelbu dak li kellu jkun tabilħaqq l-aħħar ħbit tal-għadu mil-Lvant fuq pajjiżna. Din l-għaqda bejn dawn iż-żewġt irħula kompliet tissaħħaħ u hawnhekk il-Kantata b'noti tassew orekkjabbli jissiġilla din l-għaqda bit-twelid tal-parroċċa tal-ġirien: "Sena li l-poplu jinsa ma jistax/is-sena elf sitt mija u sittax/parroċċa ħelwa u ġdida kellha tkun/ta' Ħaż-Żabbar li twieled miż-Żejtun" !U tkanta l-Innu ta' radd il-ħajr, it-Te Deum kif jitkanta wkoll mill-Kor lejn it-tmiem ta' dan ix-xogħol mużikali.

Fl-għeluq tal-Kantata ma nistax insib kliem biżżejjed biex tabilħaqq inqiegħed bukkett ward sabiħ quddiem il-kompożitur u l-awtur ta' din il-Kantata. Meta smajtha dakinhar fil-Knisja Arċipretali xtaqt li nreġġa' l-arloġġ lura għal aktar minn darba biex nisma' u nerġa' nisma' l-final glorjuż, trijunfali, b'mużika li ġġiegħlek tqum u tagħti applaws fit-tul ukoll qabel tispiċċa l-aħħar nota bl-aħħar ilħna tal-parteċipanti bravi.

Għalhekk toħroġ bil-qalb l-aħħar strofa mtennija bħal fl-introduzzjoni "Ġebla fuq ġebla – ħaġra fuq ħaġra/Blata fuq blata – ngħaqqdu l-binjiet/Nibnu l-filati – saffi fuq saffi/Bl-għeruq ta' ġbinna – ninsġu l-ġrajjiet" - li ġġib għeluq xieraq ta' dan il-kapolavur "Il-Parroċċa taż-Żejtun 400 sena Matriċi".